

# L·Annunzjata

Fuljett ta'
Informazzjoni u Formazzjoni

**Frar 2025** Nru. 7

## L-Ispirtu jidħol għalina bit-talb tiegħu.



San Pawl jgħidilna: *"Ispirtu, min-naħa tiegħu, jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna. Għax aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem."* (Rum 8,26)

Sakemm nibqgħu aħna is-suġġett, dak li jitlob, dak li jadura, dak li jimmedita, dak li jikkontempla, allura il-ħin li aħna niddedikaw għat-talb, u dik is-Siegħa fil-ġimgħa li aħna niddedikaw għall-Adorazzjoni quddiem Ġesú espost jibqa' ħin mibni fuq nuqqas ta' ħila, fuq distrazzjonijiet, fuq inkapaċitá.

Aħna l-Insara, jew aħjar aħna li konna imsejħin - mingħajr ma jistħoqqilna - biex inkunu dixxipli ta' Ġesú ta' Nazzaret, anzi ta' Ġesú Kristu għandna Don speċiali u uniku li ma ssibu fl-ebda reliġjon oħra. Ir-reliġjonijiet kollha tad-dinja u tal-istorja umana kollha jitilqu mill-bniedem. Ir-reliġjonijiet kollha huma skejjel ta' axxetiżmu, ċioé programmi u proċessi li permezz tagħhom il-bniedem jiddistakka lilu nnifsu minn dak kollu li huwa materjali u mundan, inklużi mill-ħsibiet u x-xewqat tiegħu, kif ukoll mill-esperjenzi personali tiegħu, bl-unika tama jew mira li xi darba jidħol f'kuntatt ma' alla, jew ma' dak li huwa traxxendentali. Peró, anke minn din it-tama u mira irid ikun meħlus. Qisu wieħed li jixtieq jara *film* eċċezzjonali, jitlaq kollox, iħalli d-dar, jagħmel vjaġġ għaċ-ċinema, iħallas il-biljett tad-dħul, forsi jixtri wkoll

kaxxa *popcorn* u flixkun *coca*, isib l-aħjar post u joqgħod bilqegħda jistenna. Iżda, jekk dak li jkun ma jixegħelx il-*projector*, ma jara xejn! Fil-kas tagħna dan mhux hekk. L-ewwelnett għaliex għalina alla, misterjus kemm jibqa' misterjus, m'għadux anonimu. It-tieninett għaliex l'Alla li nemmnu fih huwa Alla li niżel Hu biex jiltaqa' magħna, u ma qagħadx jistenna li aħna nitilgħu infittxuh. Id-distanza bla ebda kejl li hemm bejn Alla u l-bniedem tagħmilha impossibbli għalina li qatt nidħlu f'kuntatt m'Alla. Imma dak li għalina huwa impossibbli, għal Alla huwa possibbli.

Liema moħħ qatt seta' jimmaġina li Alla jagħmel ħaġa bħal din: li jsir Bniedem fil-Persuna ta' Ġesú, imnissel fil-ġuf ta' Marija ta' Nazzaret bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu!! Grazzi għall-Inkarnazzjoni, il bniedem kapaċi jidħol f'kuntatt, fi djalogu, f'komunjoni intima ma' Alla li ħalqu!! Dankollugrazzigħall-Ispirtus-Santu,l-Ispirtuta'Kristu,l-Ispirtutal-Missier.

Huwa għalhekk illi San Pawl jgħidilna: "(Intom) *irċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajjtu: "Abbà! Missier!"* (Rum 8,15) Xi grazzja għandna illi għandna *"l-Ispirtu... jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna....* (u li) *l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu...."* (Rum 8,26) U xi grazzja akbar tkun li kellna naslu li nieqfu npaċpċu aħna u nħallu lilu jitkellem għalina!!

## L-Ewkaristija: Ħobż tal-Ħajja

*"Jien il-ħobż tal-ħajja"* (Ġw 6,48). Din id-dikjarazzjoni hija ripetuta minn Ġesù fis-silta ta' Ġw.6,1-66 għal aktar minn għaxar darbiet b'modi u forom differenti. Dan huwa diskors li Ġesù għamel fis-Sinagoga ta' Kafarnahum. *"Ħobż tal-ħajja"* hija espressjoni qawwija li nsibu fir-raba' Evanġelju li jitkellem dwar il-multiplikazzjoni tal-ħobż u l-wegħda tal-Ewkaristija.

Hija definizzjoni li tesprimi realtà tal-fidi u misteru moħbi f'dan is-sagrament kbir. Hija messaġġ dwar il-ħajja u l-eternità ta' dawk li jemmnu. Biex nifhmu aħjar il-profondità u t-tifsira teoloġika u mistika ta' dan il-kliem, tajjeb li nirriflettu fuq it-terminu ħajja kif jifhimha Ġesù.

Il-meditazzjoni fuq is-silta toħroġ biċ-ċar iż-żewġ dimensjonijiet tal-ħajja: dik temporali u dik eterna. L-ewwel tifsira ta' *"ħobż tal-ħajja"* tikkonċerna ż-żmien. Hija l-eżistenza li ngħixu fiha llum. Fl-Ewkaristija nirċievu l-persuna ta' Ġesù: *"Jien il-ħobż ħaj li niżel mis-sema....."* (v51). Il-ħobż huwa Ġesù, l-Iben ta' Alla.

Fl-Ewkaristija, Ġesu' jiġi għandna. Li nilqgħu lill-Iben ta' Alla li jiġi għandna, hija ġrajja singulari u straordinarja. Huwa Alla ġewwa fina, magħna. Bl-Ewkaristija nistabbilixxu komunjoni profonda bejnietna u ma' Ġesù: hu fina u aħna fih. Hu jsir bniedem u aħna nsiru divinizzati: *"min jiekol Ġismi u jixrob Demmi jibqa' fija u jiena fih"* (v56).

Ġesù, peress li hu Alla, għandu influwenza sopranaturali u misterjuża fuqna li mhux faċli nifhmu u nispjegawha bil-kliem. Jista' jingħad li permezz tal-Ewkaristija Alla jikkomunikalna l-grazzja tiegħu. Kelma li tiġbor fil-qosor id-doni kollha tal-ispirtu: paċi, ferħ, imħabba, tama, libertà, maħfra u salvazzjoni.

Ejja nistaqsu lilna nfusna: għaliex għadna daqshekk imperfetti minkejja l-ħafna tqarbin u ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi? Huwa l-Mulej li ma jaħdimx fina jew aħna li ma nħalluhx? Żgur li għandna bżonn urġenti ta' fidi akbar, u ta' mħabba aktar sinċiera u profonda.

Id-dimensjoni l-oħra hija l-ħajja ta' dejjem. *"Jekk xi ħadd jiekol dan il-ħobż jgħix għal dejjem... min jiekol dan il-ħobż jgħix għal dejjem"* (vs 51, 58). Dan ifisser li Ġesù, il-Kelma eterna, li jiġi fina jagħtina l-ħajja ta' dejjem. Il-mewt hija megħluba għax Hu ma jmut qatt, jgħix għal-dejjem. *"Ħadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier li bagħatni ma jiġbdux lejja; u jiena nqajmu fl-aħħar jum"* (Ġw.6,44). *"Dan hu l-ħobż li nieżel mis-sema, biex min jiekol minnu ma jmutx"*. (v50)

Huma espressjonijiet li jindikaw id-don tal-ħajja glorjuża wara l-esperjenza tagħna fuq din l-art. L-Ewkaristija hija l-aħbar it-tajba, ir-rebħa fuq il-mewt, it-tama għall-ħajja ta' kuljum. Din il-ħajja, li ngħixu llum, hi mimlija problemi u tbatija, imma bl-għajnuna ta' Ġesu' Ewkaristija tista' tkun aktar aċċettabbli: *"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena inserraħkom"* (Mt 11,28)



Il-mewt, li hija l-aħħar ġrajja xokkanti tal-ħajja umana, għalkemm tista' tkun passaġġ

mimli għeja u tbatija, huwa passaġġ sigur u ta' faraġ għall-eternità. Il-kliem ta' Ġesù *"Jiena l-ħobż tal-ħajja"* huma ċ-ċavetta li tiftaħ u tagħlaq il-misteru tal-eżistenza tagħna li hija l-ħajja u l-mewt. Hija t-tweġiba għall-enigmi tar-raġuni umana fit-tfittxija għall-verità, tal-valuri tal-bniedem u tal-ħajja li ngħixu llum u dejjem.

*(mill-ktieb ta' Patri Silvio Di Giancroce OFM Conv. 'Il miracolo Eucaristico di Lanciano - Storia, Fede e Scienza - Meditazioni Eucaristiche'. Maqlub għall-Malti minn Frans Cassar)*




## Il-Kappella taċ-Ċentru Annunzjata qed tkun miftuħa kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00am u d-9.00pm

**Fil-ġranet u l-ħinijiet li Ġesú Sagramentat ma jkunx espost, l-Ewkaristija tkun fit-tabernaklu mal-ġemb tal-altar fejn ikun hemm xemgħa tixgħel.**
**Attwalment Ġesú Ewkaristija qed ikun espost fl-ostensorju forma ta' ġuf it-Tlieta u l-Ħamis**

**Min iħoss illi jista' jiddedika siegħa fil-ġimgħa għall-adorazzjoni fil-Kappella Annunzjata, mitlub ikellem jew iċempell lil Tessie Buhagiar fl-ACEF jew fuq 99402085**

**Maħruġ mill-Ministeru tal-Adorazzjoni Perpetwa**
ACEF (Annunzjata, Ċentru għall-Evanġelizzazzjoni u Formazzjoni)
13, Anton Agius Street, Floriana FRN1135
Tel. 21230233
*adorazzjoniperpetwamalta@gmail.com*